MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004

Numru 8/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maria Stella Cutajar)**

**vs**

**MARTIN BALDACCHINO**

**Illum 19 ta’ Jannar, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Martin Baldacchino, ta’ 28 sena, bin il-mejjet Nazzareno u Angela xebba Micallf, imwieled Pieta` nhar 20 ta’ Ottubru, 1975 u residenti Baldacchino House, Siggiewi Road, Zebbug, bin-numru ta’ l-Identita:- 546975(M), gie akkuzat:

Talli nhar is-17 ta’ Novembru, 2002 wara nofs inhar minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-persuna ta’ Angelo Grech f’periklu car, volontarjament ikkaguna ferita ta’ natura gravi perdurata fuq il-persuna imsemmija skond kif iccertifika t-Tabib Mediku Michael Spiteri M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ kundanna tapplika l-provedimenti li hemm fl-Art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. MS3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet bl-aktar mod solenni lill-imputat rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega’ gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Innutat ukoll li x-xhud Angelo Grech iddikjara fid-deposizzjoni tieghu moghtija llum li hu l-“parte civile” f’din il-kawza u illi lill-imputat Martin Baldacchino qieghed jahfirlu kollox dwar l-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Martin Baldacchino, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-

cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u dak li xehed Angelo Grech fis-Seduta ta’ llum u li saret referenza ghalih aktar qabel f’din is-Sentenza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Martin Baldacchino ghall-piena ta’ sena prigunerija u tordna li din is-sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tliet (3) snin millum l-imputat Martin Baldacchino jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikoli 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Martin Baldacchino b’obbligazzjoni personali ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Angelo Grech ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Martin Baldacchino l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikoli 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------